MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru 142/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**STEFAN CARABOTT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stefan Carabott ta’ 36 sena, bin John u Maria Dolores nee’ Scerri, mwieled Pieta f’ 26/05/1973, Res, ‘Rustic Hse’ Xrob Il-Ghagin limiti ta’ Marsaxlokk detentur ta’ karta tal-Identita’ bin-numru 0260973(M).

Billi huwa akkuzat talli nhar it-22 ta’ Dicembru 2009 ghal habta 15:45 Hrs gewwa ‘Rustic Hse’ Xrob Il-Ghagin limiti ta’ Marsaxlokk:-

1. Ikkaguna griehi ta’ Natura gravi fuq il-persuna ta’ Louise Cassar ta’ 44 sena gewwa Marsaxlokk, ID.0494766(M), u dan skond kif iccertifika Dr.Robert Patiniott MD Reg 1860 u dan ai terminu tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess persuna immsemijha sabiex jingurja, iddejjaq jew jaghmel xi hsara u dan bi ksur tal-artikoli 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Louise Cassar sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1), (2) u (3), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fid-deposizzjoni tax-xhud Louise Cassar moghtija fis-Seduta tallum din qalet: “Nghid illi jiena l-Parte Civile f’din il-kawza. Qeghda nirrinunzja ghal azzjonijiet Kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u ghaldaqstant qeghda nahfirlu”.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 17, 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Stefan Carabott, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, dak dikjarat mix-xhud Louise Cassar fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Stefan Carabott ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Stefan Carabott jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat Stefan Carabott liema akkuza giet moghtija a tenur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ dak li xehdet fis-Seduta tallum Louise Cassar kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja da parti tal-parte civile Louise Cassar.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Stefan Carabott b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma’ Louise Cassar u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Stefan Carabott l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------